*DISPREZZ*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

**Kawza Numru : 9**
**Rikors Guramentat Numru : 522/2015/LSO**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**vs**

**Sharon Tonna (ID 329171 (M))**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datat 29 ta' Mejju 2015 fejn bil-gurament tieghu Emanuel Sciriha ID 22361(M) iddikjara:

IIIi b'ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 2010, annessa u mmarkata bhala Dok A, l-intimata giet ordnata sabiex ma ddahhalx lil Jonathan Calleja fid-dar matrimonjali fejn kienet qed tghix;

IIIi sussegwentement b'ordni ohra tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena 2010, annessa u mmarkata bhala Dok B, l-intimata giet ordnata sabiex ma ddahhal lil hadd fid-dar konjugali *eccetto* membri tal-familja taghha;

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2014, filwaqt illi r-ragel tal-intimata, Joseph Tonna kien qed jixhed quddiem il-Qorti (kopja ta' traskrizzjoni tax-xhieda qed tigi annessa u mmarkata Dok C), stqarr illi l-intimata kisret l-ordnijiet tal-Qorti u f' diversi okkazzjonijiet fosthom fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena 2014, l-intimata dahlet lil imsemmi Jonathan Calleja fid-dar konjugali;

Illi, permezz ta' rikors ipprezentat fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena 2014 anness u mmarkat Dok D, Joseph Tonna gab dana kollu a konjizzjoni ta' dina l-Qorti u talab illi jittiehdu passi kontra l-intimata;

Illi, permezz ta' digriet tal-Qorti datat 4 ta' Settembru 2014 anness u mmarkat Dok E, il-Qorti, wara illi rat ir-risposta

tal-intimata, liema risposta hija annessa u mmarkata Dok F, ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti kontra l-intimata;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, tghid l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha *ai termini* ta' l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-pieni indikati fl-istess artikolu u tikkundannaha ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tliet mija u tletin ewro (€2,330) jew ghal multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata *ai termini* ta' l-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimata;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Sharon Tonna ID 329171(M) datata 7 ta' Lulju 2015 (fol 21) fejn bil-gurament taghha kkonfermat:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' tar-rikorrent huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi Jonathan Calleja ma dahalx fid-data indikata mir-rikorrent zewgha Joseph Tonna u dan kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma inkluz dak tat-Tlieta, 10 ta' Lulju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dehret l-intimata. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, Dr Marion Camilleri u Dr Mark Mifsud Cutajar, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija kawza ta' disprezz kontra l-Awtorita` tal-Qorti istitwita a tenur tal-**artikolu 997 *et sequens* tal-Kap 12 tal-**

**Ligijiet ta' Malta**, *stante* li l-intimata allegatament agixxiet bi ksur ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 26 ta' Marzu 2010 (Dok A), u bi ksur ta' ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ohra datata 22 ta' Ottubru 2010 (Dok B).

L-intimata laqghet ghat-talbiet tar-rikorrent billi eccipiet li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u Jonathan Calleja ma dahalx fid-dar fid-data indikata minn Dr. Joseph Tonna.

**Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti**. Illi permezz ta' Digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni familja) datat 26 ta' Marzu 2010, esebit bhala Dok A, l-intimata giet ordnata sabiex ma ddahhalx lil Jonathan Calleja fid-dar matrimonjali. Testwalment : "*Il-Qorti, sakemm tisma' r-risposta tal-attrici (li llum ma setghetx tattendi) provizorjament tordna lill-istess attrici biex ma ddahhalx lill-imsemmi Jonathan Calleja fid-dar fejn qed tghix."*

Sussegwentement b'ordni ohra tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 22 ta' Ottubru 2010, esebit bhala Dok B, l-intimata giet ordnata sabiex ma ddahhal lil hadd fid-dar matrimonjali li mhumiex membri tal-familja taghha.

Dr. Joseph Tonna sostna li kien hemm ksur ta' dawn l-ordnijiet tal-Qorti, b'hekk gab dan a konjizzjoni tal-Qorti permezz ta' rikors ipprezentat fil-31 ta' Lulju 2014, esebit bhala Dok D. Konsegwentement, inghata Digriet datat 4 ta' Settembru 2014, sabiex ir-Registratur tal-Qorti jistitwixxi proceduri ghad-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti kontra l-intimata, liema digriet hu esebit bhala Dok E.

**Provi:**

**Dr. Joseph Tonna** xehed (fol 44-57)[1] u qal li hemm proceduri ta' separazzjoni bejnu u bejn martu, u kien hemm ordni tal-Qorti datat 26 ta' Marzu 2010 biex Jonathan Calleja ma jidholx fid-dar matrimonjali u fit-22 ta' Ottubru 2010 kien hemm ordni biex ma jidhol hadd fid-dar matrimonjali hlief membri tal-familja taghha. Hu esebixxa Dok JT1 u JT2, ritratti li ha dakinhar tal-21 ta' Jannar 2014, (id-data imsemmija fir-rikors promotur). Qal li kien passiggier f'karrozza ma' habib tieghu ghall-habta tad-9.20 ta' filghaxija u ra lill-mara b'karrozza li hija b'*tinted glass*. Is-sewwieq tal-vettura li fiha kien rikeb kien Karl Cachia. Qallu biex isuq bil-mod u waqaf quddiem id-dar. "*Sadanittant jien ma rajtx min kien fil-karrozza."* Qal li l-karrozza dahhlet fil-garaxx tad-dar bil-quddiem u mis-seat tal-passiggier hareg Jonathan Calleja. Qal li rah darba biss billi ma rahx diehel fid-dar qabel dik il-gurnata. Qal ukoll li l-garaxx jinfed mad-dar.

Malli hareg mill-*passenger seat* fil-pront inghalaq il-bieb tal-garaxx. Spjega li dakinhar kien baqa' sejjer l-Ghassa flimkien ma' habib iehor, Cikku Azzopardi biex jaghmel rapport fejn sab lil PS 1576 Simon Grech. Il-Pulizija kien infurmah li meta kellem lil Jonathan Calleja, qallu li dan ammetta u li kien ser jitlaq. Sussegwentement qal li ppruvaw jimxu ghad-disprezz u kien inghata d-digriet tal-

[1] Seduta tas-16 ta' Lulju 2015.

Qorti. Hu esebixxa wkoll sentenza datata 12 ta’ Jannar 2011, Dok JT3, fejn kien gara incident bejnu u Jonathan Calleja fit-22 ta' Marzu 2010 quddiem id-dar matrimonjali, li giet rilevata fit-talba tal-avukat tieghu quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex Jonathan Calleja ma jersaqx lejn l-imsemmija dar.

Xehed fuq incident iehor li sehh fid-19 ta' Frar 2015 u semma li ngagga ‘private investigator’, John Muscat ta’ *Khiron Security*, u wara li tah ir-rapport u gie rapportat li Jonathan Calleja qieghed god-dar matrimonjali fid-19 ta’ Frar 2015, mar personalment l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, li qalulu li din kawza civili u ma ntervjenewx. Madanakollu bl-intervent tal-Avukat tieghu marru Pulizija fid-dar residenza ta' martu izda ma fethitilhomx.

**In kontro-ezami**, qal li fid-dar matrimonjali in kwistjoni hemm jghixu Sharon Tonna u t-tifla Gabrielle Tonna ta’ ghoxrin sena, u Celine Tonna ta’ dsatax il sena, u qed ikun hemm ta' spiss Jonathan Calleja wkoll. Mistoqsi ghaliex ma hax lil Karl Cauchi l-Ghassa tal-Pulizija biex jixhed u jsostni l-verzjoni, qal, li ma kienx hemm bzonn idahhal lil Karl Cauchi ghaliex hu kien cert li ra lil Jonathan Calleja. Ma kienx jaf x'ra jew ma rax Karl Cauchi. Lanqas kien hemm ghalfejn li jghidlu jmur l-Ghassa f'xi hin iehor. Qal li S-Surgent ukoll ikkonferma dak li qal hu.

Qal ukoll li ma rax min kien qed isuq il-vettura dakinhar. Qal li l-incident sehh filghaxija izda b'referenza ghar-ritratt DOK JT2, dan ittiehed qisu mill-posizzjoni fejn waqqfet il-

vettura ta' Karl Cauchi. Damu biss ftit sekondi qabel ma nizel il-bieb tal-garaxx. Qal li Simon Grech cempel, ma marx fuq il-post.

**PS 1576 Simon Grech** xehed (fol 62-65)[2] u xehed li fil-21 ta’ Jannar 2014, Dr. Joseph Tonna kien ghamel rapport l-Ghassa ta’ Haz Zabbar, fejn kien infurmah li ghadu kif ra lil Jonathan Calleja fil-vettura ta’ martu dehlin fil-garaxx tad-dar matrimonjali. Semma li Dr. Tonna kien urieh id-digriet, fejn kien hemm imnizzel li terzi ma setghux jidhlu fid-dar matrimonjali. Hu esebixxa u kkonferma l-*incident report* Dok SG1 a fol 59 *et sequens*, izda ma kienx ha passi peress li dan kien kaz civili. Semma li hu kkuntattja lil Jonathan Calleja bit-telefon fuq il-mobile tieghu, billi "*sibtu fuq is-sistema".*

*"Ghedtlu Jonathan Calleja? Kien qalli 'iva'. Ghedtlu bir-rapport illi kien hemm Dr. Tonna u kien qalli illi rah id-dar. Ghedtlu 'inti m'ghandekx dritt illi tkun fid-dar, ghedtlu biex tohrog. Kien irrispondieni bil-kliem 'Alright'."...Daqshekk."*

Qal li dakinhar stess kien ipprova jcempel lis-sinjura Tonna li ma kinitx irrispondietu u l-ghada kienet giet l-Ghassa u cahdet li Jonathan Calleja kien fid-dar.

**John Muscat** xehed (fol 111-112)[3] u qal li hu Direttur ta' Khiron Security, u pprezenta rapport li sar fuq il-kaz in kwistjoni bhala Dok JM1[4]. Qal li meta Dr. Tonna talbu

---

[2] Seduta tal-24 ta’ Settembru 2015.
[3] Seduta datata 14 ta’ Jannar 2016.
[4] Datat l-14 ta' Frar 2015

jinvestiga biex jivverifika jekk Jonathan Calleja kienx qed ikun fl-imsemmija dar, kienu tqabbdu hames investigaturi, u semma b'isimhom lil Geoffrey Muscat, Andrew Howard u Martin Sammut. Huwa indika l-vettura ta' Sharon Tonna bhala Nissan Terrano IBB -534, u l-vettura ta' Jonathan Calleja bhala *pick up* griz 4 door JON- 974. Spjega li s-sorveljanza saret fil-5, 12, 17 u 19 ta' Frar. Spjega li kien jasal bil-vettura tieghu Jonathan Calleja, kien jibqa' sejjer fi Triq l-Awrat hdejn il-ground tax-Xghajra, jipparkja gewwa garaxx f'dik it-triq imbaghad kienet tasal Sharon Tonna bil-vettura taghha Nissan, jidhol hu fil-vettura taghha u mbaghad imorru lura flimkien u jibqghu dehlin gol-garaxx Bella Vista. Hu pprezenta wkoll Dok JM2 u pendrive bil-videos bhala Dok JM3. Hafna mill-filmati ttiehdu minn Geoffrey Muscat u l-ohrajn ittiehdu minn Andrew Howard.

**Geoffrey Muscat** xehed (fol 113-115)[5] u qal li dak iz-zmien kien *surveillance officer* ma' Khiron Security. Kien gie inkarigat jaghmel sorveljanza f'Haz Zabbar fi Frar 2015 ghar-rigward tal-fond "Bella vista" Triq Orlando. Qal li kien hemm okkazjonijiet diversi, semma l-5, it-12, is-17 u d-19 ta' Frar. Semma li fit-12, is-17 u d-19 ta' Frar kien hemm dan il-persuna Jonatahan Calleja, li d-Direttur ta' Khiron Security kien urieh ir-ritratt tieghu, li kien jitla' fil-vettura Nissan wara li jipparkja l-*pick up* griz tieghu fejn il-ground tal-futboll. Hu sa hemmhekk ra ghax hu hemmhekk kien ikun stazzjonat biex jissorvelja.

[5] Seduta tal-14 ta' Jannar 2016.

**Andrew Howard** xehed (fol 116-117)[6] u qal li hu jahdem bhala *part timer* ma' Khiron security. Qal li kien beda fil-5 ta' Frar 2015, u kien hemm data sussegwenti fid-19 ta' Frar 2015, u li rrizultalu li giet il-vettura ta' Sharon Tonna mit-triq faccata tad-dar taghhom u gabret lit-tifla u lil xi hadd iehor.

**Martin Sammut** xehed (fol 118-119)[7] u qal li jahdem ma' Khiron Security bhala Head Operations, hu kien stazzjonat fid-dati li saru l-ispezzjonijiet fejn ir-residenza "Bella Vista" Triq Orlando Zabbar, u ghall-habta tad-9 ta' fl-ghaxija harget Nissan mill-garaxx ta' dak il-fond, nizlet Triq il-Fortizza, u l-isfel lejn ir-*roundabout*, hu kien informa immedjatament bir-radio lill-ohrajn li kienu qed jissorveljaw u wara li regghet giet il-vettura, mhux mill-istess triq izda minn triq ohra, u malli giet lura, ezatt kif dahlet beda niezel ix-xutter tal-garaxx.

**Sharon Tonna** xehdet (fol 162-170)[8] u sostniet li hi ma kisritx id-digriet. Qalet li fl-okkazjoni msemmija hi kienet marret tigbor it-tifla mill-ground tal-futboll, u ma kellha lil hadd aktar. Qalet li n-numru tal-vettura taghha hi IBB u t-twieqi tal-vettura taghha huma bi hgieg skur. Semmiet li l-garaxx hu interkonness mad-dar "Bella Vista". Esebiet ritratti ST1 sa ST7. Ikkonfermat li gol-garaxx taghha hi tidhol bil-quddiem.

**In kontro-ezami** ikkonfermat li kien hemm digriet tal-Qorti sabiex ma ddahhalx fl-imsemmija dar lil Jonathan Calleja.

---

6 Seduta tal-14 ta' Jannar 2016.
7 Seduta tal-14 ta' Jananr 2016.
8 Seduta tat-28 ta' April 2016.

Dwar il-kaz li semma l-investigatur privat, qalet li dak il-kaz sehh wara li nbidel id-digriet. Mistoqsija tesebixxi kopja ta' dan id-digriet datat 21 ta' Lulju 2014, li qed tirreferi ghalih, esebietu bhala Dok ST8. Hi kkonfermat li Jonathan Calleja hu habib taghha, izda habib tat-tfal ukoll. Mistoqsija ghandhiex relazzjoni intima ma' Jonathan Calleja qalet li le, izda jiltaqghu xi erba' darbiet fil-gimgha.

**Gabriella Tonna** xehdet (fol 172-177)[9] u qalet li ghandha 21 sena. Qalet li fil-21 ta' Jannar 2013 jew 2014 ommha kienet waslitha l-futboll, u spiccat fid-9.30 ta' fl-ghaxija. Hi kkonfermat li l-vettura ta' ommha ghandha hgieg *tinted* minhabba kundizzjoni fil-gilda taghha. Spjegat li missierha kien jiffolowjahom, u ghalhekk, wara talba kien hemm digriet fejn l-Imhallef Azzopardi ddecieda li l-hbieb taghha u ta' ohtha jistghu jidhlu d-dar. Mistoqsi Jonathan Calleja x'inhu ghaliha, qalet li habib tal-familja.

**In kontro-ezami** qalet (fol 203-208)[10] li fix-xhieda taghha kienet qed tirreferi ghal dakinhar tal-21 ta' Jannar 2013, meta kienu cemplu l-Pulizija. Hi qalet li *training* tal-futboll tmur kuljum. Mistoqsija dakinhar min kien jigi god-dar, qalet li hbieb. B'referenza ghal Jonathan Calleja qalet li dan kien habib tal-familja, u mistoqsi kemm kien ilu habib tal-familja, qalet li ma tiftakarx. Mistoqsija Jonathan Cutajar huwiex il-*partner* ta' ommha, qalet li le, habib tal-familja. Mistoqsija xi tghid ghall-fatt li nannitha Phyllis Galea tirreferi ghal ommha u Jonathan Calleja bhala

[9] Seduta tal-5 ta' Lulju 2016.
[10] Seduta tas-6 ta' Frar 2018.

koppja, qalet li sa fejn taf hi, habib. Mistoqsija jekk sifrux wehedhom ommha u Jonathan qalet li kien hemm hi wkoll. Semmiet li f'okkazjoni minnhom marru *cruise*, u kien hemm ukoll in-nanna, in-nannu, iz-zija, iz-ziju, u kugini.

**Karl Cauchi** xehed (fol 193-201)[11] u qal li kien ix-Xghajra sejjer jara loghba futboll mat-Tabib Tonna, meta qallu biex iwaqqaf ghax ra lil martu diehla gol-garaxx bil-vettura taghha, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija. Spjega li l-vettura tal-mara ta' Joseph Tonna kienet b'wiccha bil-quddiem, diehla gol-garaxx, u l-mara tieghu ghaddiet riekeb kien hemm haddiehor imbaghad dahlu gol-garaxx tad-dar. Qal li Joseph Tonna kien qallu biex jieqaf ghax hu kien gharaf min kien hemm mal-mara tieghu fil-vettura.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u applikazzjoni ghall-kaz *de quo*:</u>**

Illi l-proceduri odjerni gew inizjati mir-Registratur tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Settembru 2014, u dan a tenur tal-artikolu 997 tal-Kap 12 li jipprovdi:

*1."Fi procedimenti istitwiti ghal xi att jew ommissjoni li tammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, il-hati jista' mal-kundanna, jigi kkundannat ghal prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux anqas minn mitejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u*

[11] Seduta tat-28 ta' Novembru 2018.

*sebgha u tletin centezmu (2329.37) jew ghal multa u prigunerija flimkien.*

*2. Il-Qorti tista' ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi zmien bizzejjed ghal dan il-ghan izda f'ebda kaz aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tigi stabbilita mill-Qorti, u jekk min jaghmel ir-reat jonqos milli jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit, hu jehel penali ta' ammenda ta' mhux anqas minn tielta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) u mhux aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) kif il-qorti tistabilixxi ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien imsemmi."*

Jinghad fl-ewwel lok, il-procediment ta' disprezz mhuwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu (jew bl-ommissjoni tieghu) ksur ta' ordni moghtija lilu. Jirrizulta, li r-rikorrent, f'dan il-kaz qieghed jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jinbdew dawn il-proceduri.

Fit-tieni lok, jigi ritenut, li l-procedura ghal disprezz hija mahsuba sabiex thares ir-rispett li ghandu jingieb lejn il-Qorti. Il-ksur tal-ordni tal-Qorti tikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li bis-sahha taghha tkun inghatat.

Illi fis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM 7 ta' Mejju 2001) inghad:

*"Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita` li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem* **Lord Denning** *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt."* ***Bramblevale Limited – 1970.*** *(Ara* ***Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati u Tribunali Civili vs Mark Debono et,*** *P.A. (124/2009) - 9 ta' Gunju 2010;* ***Registratur tal-Qrati Civili vs Kristinu Giordmaina****, P.A. (878/1999/1) - 25 ta' Settembru 2003).*

Illi minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, billi juri l-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-Awtorita` tal-Qorti. Difatti, din l-azzjoni hija ta' natura penali, anke jekk il-procedura ssehh quddiem il-Qrati Civili. (Ara **Portelli vs Cachia et**, App. Kumm. (**Kollez. Vol. LXXV.ii.526).**

Illi proprju minhabba l-indoli kriminali tal-azzjoni odjerna, mhuwiex permess li din il-Qorti taghti interpretazzjoni wiesgha ghall-ordni tal-Qorti.

Illi hu pacifiku wkoll li l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha (**Registratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi** – P.A. (RCP) deciza fit-12 ta' Dicembru 2001), u minghajr din

l-intenzjoni ma jsir l-ebda disprezz. (Vol. LXVII.II.7) (Ara wkoll **Direttur Qrati Civili u Tribunali vs Joseph Tonna**, P.A. (JZM) 162/2007 deciza fil-11 ta' April 2011).

Jinghad a propositu fis-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru *et***", Appell, 28 ta' Frar 1997 illi "l-*istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti* leza *hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti."*

Illi fil-gurisprudenza nostrana, gie ribadit, li min jinsab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, anke jekk agixxa b'dak il-mod minhabba raguni li wiehed jista' jissimpatizza maghha, jew bil-fehma li kellu jedd jagixxi kif agixxa, xorta wahda jkun hati ta' disprezz. (Ara **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Adrian Grima noe**, P.A. (182/2000/1) – 25 ta' Settembru 2003).

Illi kif inghad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-procediment ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali[12], ukoll jekk jiehdu s-sura ta' proceduri civili.

Illi dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut

[12] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)

ghandu jithares skont il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[13].

Illi l-Qorti tasal biex tghid illi l-motivi li jwasslu persuna biex iggib ruhha b'mod li jidher li qieghed jisfida ordni ta' Qorti jistghu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-"animus" tal-persuna mixlija b'disprezz. Illi inoltre *stante* l-indoli partikolari ta' dawn il-proceduri, jispetta lir-rikorrent li jipprova l-kaz *beyond reasonable doubt.* Huwa mehtieg ukoll li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni ta' Qorti kienet taf li qeghda taghmel hekk[14].

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jibda biex jinghad li t-talba kif dedotta tirreferi ghall-fatt li fil-21 ta' Jannar 2014, u f'okkazjonijiet ohra, Sharon Tonna dahlet lil Jonathan Cutajar fid-dar konjugali bi ksur tal-ordni tal-Qorti.

Effettivament jirrizultaw zewg digrieti u cioe`:

i. 26 ta' Marzu 2010 fejn Sharon Tonna giet ordnata "*biex ma ddahhalx lill-imsemmi Jonathan Calleja fid-dar fejn qed tghix."*

ii. 22 ta' Ottubru 2010 fejn giet ordnata *"biex ma ddahhal lil hadd fid-dar konjugali eccetto membri tal-familja taghha."*

---

[13] App. Civ. **8.6.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)
[14] Ara Kumm. Sentenza **9.1.1936** fil-kawza fl-ismijiet ***Mallia noe vs Dowling*** (Kollez. Vol **XXIX.iii. 207**)

Dawn l-ordnijiet ma gewx revokati sakemm giet intavolata din il-kawza, kif ser jigi precizat iktar 'il quddiem.

Inoltre l-ordnijiet imsemmija huma cari u inekwivoci u ma jippermettux interpretazzjoni xort'ohra. Jinghad ukoll li, kif jirrizulta mix-xhieda ta' bint il-konjugi Tonna, Gaby, li Jonathan Calleja kien midhla ta' Sharon Tonna u tat-tfal. Minkejja li hemm attentat biex jigi impingi bhala habib tat-tfal, dan ma jbiddilx mill-fatt li mhuwiex "*membru tal-familja"* u kwindi xorta ma setghax jithalla jidhol fid-dar.

Jirrizulta li fid-data tal-21 ta' Jannar 2014, Joseph Tonna, kif ikkonferma fix-xhieda tieghu, ra b'ghajnejh lil Jonathan Calleja johrog min-naha tal-passiggier tal-vettura ta' martu Nissan Terrano JBB-534, meta din il-vettura kienet dahlet fil-garaxx li jinfed mad-dar gja matrimonjali. Qal li kien jgharfu u li baqa' ma harigx mill-garaxx meta nizzel ix-*shutter.*

Xehed li kien mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Dan ir-rapport jinsab esebit fl-atti bhala Dok SG1 (fol 59-61). Illi fl-istess rapport, hemm indikat li PS1576 Simon Grech kellem lil Jonathan Calleja fuq it-telefon cellulari tieghu, wara li sab in-numru fuq is-sistema tal-Pulizija. Is-Surgent xehed li qal lil Calleja li m'ghandux dritt li jkun fid-dar u qallu biex johrog, u dan qallu 'alright'."

Effettivament ix-xhieda ta' Joseph Tonna hija l-unika prova cara li tikkonferma li Jonathan Calleja kien dahal fid-dar gja matrimonjali. Il-garaxx kien jinfed mad-dar u kwindi din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex tapplika l-ordni tal-

Qorti ghal dan l-ambjent, Calleja baqa' gewwa wara li tnizzel ix-xutter tal-garaxx. Huwa minnu li kellu biss ftit sekondi biex jgharrfu u li dan sehh fid-9.30 ta' filghaxija fl-21 ta' Jannar 2014. Izda x-xhud kien car u konsistenti partikolarment meta wiehed jikkonsidra li l-attenzjoni tieghu kienet ikkoncentrata fuq min kien fil-vettura. Din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex temmnu *stante* li x-xhieda tieghu tinsab korroborata mix-xhieda tal-investigaturi privati.

Jirrizulta mill-provi li Joseph Tonna qabbad ditta ta' investigaturi privati, *Khiron Security*.

Illi skont ir-rapport ta’ Khiron Security esebit bhala Dok JM1, in segwitu ghas-sorveljanzi li saru fid-dati indikati, u cioe` fil-5 ta’ Frar 2015, fit-12 ta’ Frar 2015, fis-17 ta’ Frar 2015, u fid-19 ta’ Frar 2015, jirrizulta li Jonathan Calleja dahal fil-vettura Nissan ta’ Sharon Tonna wara li pparkja l-van *pick up* griz tieghu fi Triq l-Awrat, u fejn anke gew sorveljati dehlin fil-garaxx tar-residenza tad-dar matrimonjali fejn tirrisjedi Sharon Tonna, f’Bellavista, Triq Orlando, Zabbar.

Illi dan gie kkonfermat ukoll minn John Muscat bhala Direttur ta’ Khiron Security u korroborat mill-persuni inkarigati mis-sorveljanzi li saru fid-dati hawn fuq imsemmija.

Ghalhekk, jigi dedott, li in segwitu ghal dakinhar tal-21 ta’ Jannar 2014, kien hemm okkazjonijiet ohra sussegwenti meta Jonathan Calleja kien thalla jidhol fid-dar konjugali fejn tghix l-intimata.

Fil-konkluzjoni tar-rapport, a fol 90, u kkonfermat minn John Muscat u mill-investigaturi l-ohra li xehedu, hemm:

"*Although Mr Calleja could not directly be seen inside the garage (due to the vehicle's claced our windows and tha fact that the front passenger door did not open before the garage shutter was closed) it is a fair* *<u>assumption</u>* *that Mr Calleja remained inside the vehicle during the approximately 40 second trip during which for most of the time he was in the direct line of sight of surveillance officers."* Ta' min jinnota li l-investigaturi privati ma gewx kontro-ezaminati.

Ghal dak li jirrigwarda x-xhieda tas-Surgent Simon Grech, din il-Qorti ma taqbilx li dak li xehed jikkostitwixxi xhieda ta' ammissjoni ta' Jonathan Calleja. Dan qallu semplicement 'alright'. F'tali sitwazzjoni, il-*prova regina* kellha tkun Jonathan Calleja stess, *viva voce* quddiem din il-Qorti. Ghal xi raguni ma giex prodott. Meta wiehed jifli l-kliem tas-Surgent u anke r-rapport, jirrizulta li kien hemm twissija u li Callejja qallu 'alright' meta gie imwissi. Din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar l-ammissjoni ta' xhieda ta' konversazzjoni fuq telefon minghajr x-xhieda diretta tal-partecipant l-iehor, izda m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mid-dilgenza tas-Surgent billi qal li fittex in-numru hu mis-sistema taghhom billi l-partijiet kienu maghrufin fl-Ghassa.Xorta jibqa' li din il-prova hija ta' natura ta' *hearsay evidence* li jinnecessita korroborazzjoni. Inoltre mhix ser taccetta it-tezi tar-rikorrent li l-kliem ta' Calleja kienu

jekwivalu ghall-ammissjoni billi huma ekwivoci fil-kuntest tal-konversazzjoni rapportata.

Kif tajjeb issottometta d-difensur tal-intimata, Jonathan Calleja ma giex prodott bhala xhud, u lanqas gie indikat fil-lista' tax-xhieda. Madanakollu dan ma jxejjinx il-kredibilita' ta' Dr. Joseph Tonna kif korroborat bir-rapport u bix-xhieda diretta tal-investigaturi privati. Id-difensur tal-intimata argumenta li Joseph Tonna kellu akkanismu shih biex jizgombraha mid-dar. Dan jista' jkun, madanakollu r-rapport tal-investigaturi, u x-xhieda taghhom, jikkonferma li Calleja kien jingabar mill-intimata fil-vettura taghha u ttiehed sa gewwa l-garaxx. Il-perjodu kopert bir-rapport huwa sussegwenti ghad-digrieti in mertu u antecedenti ghall-ftuh ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni taghhom bhala prova ta' ksur tal-ordnijiet moghtija.

Minn dan kollu suespost, din il-Qorti hija soddisfatta li gie ppruvat sal-grad rikjest bil-ligi li dakinhar tal-21 ta’ Jannar 2014 u anke fil-perjodu kopert fir-rapport ta' *Khiron Security* (5, 12, 17 u 19 ta' Frar 2015) Jonathan Calleja kien verament jidhol fid-dar konjugali fejn kienet tirrisjedi Sharon Tonna, kwindi l-intimata ma kinitx imxiet b’ottemparanza mad-digriet tal-Qorti datat 26 ta’ Marzu 2010, Dok A u lanqas mat-tieni digriet tal-Qorti datat it-22 ta' Ottubru 2010, Dok B.

Madankollu, jigi osservat li l-fatt *per se* tal-azzjoni bi ksur ta’ ordni tal-Qorti, mhuwiex sufficjenti ghal din l-azzjoni, izda jehtieg li tigi ppruvata l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti.

Sharon Tanti, in kontro-ezami kkonfermat li kien hemm digriet tal-Qorti sabiex ma ddahhalx fl-imsemmija dar lil Jonathan Calleja, dak esebit bhala Dok A mar-rikors promotur. Dwar il-kaz li semma l-investigatur privat, qalet li dak il-kaz sehh wara li nbidel id-digriet. Mistoqsija tesebixxi kopja ta' dan id-digret, jirrizulta li dan kien datat 21 ta' Lulju 2014, li esebietu bhala Dok ST8 a fol 160 tal-process. Permezz ta' dan id-digriet giet awtorizzata li ddahhal il-"hbieb tat-tfal fid-dar anke jekk dawn mhumiex membri tal-familja". Hi kkonfermat li Jonathan Calleja hu habib taghha izda habib tat-tfal ukoll.

Hawnhekk il-Qorti ma taqbilx ma' dak accennat mill-intimata fix-xhieda taghha li d-digrieti in mertu nbiddlu. Id-digriet datat 4 ta' Lulju 2014 (fol 160) bl-ebda mod ma rrevoka d-digriet precedenti imma ammettiet fid-dar hbieb ta' uliedha minnkejja li mhumiex membri tal-familja. F'dan il-kuntest, il-kliem testwali tat-talbiet fir-rikors u fid-digriet esebiti a fol 158-160 ma jhallu l-ebda dubbju dwar l-interpretazzjoni taghhom.

Illi minn dan kollu jigi dedott li l-intimata kienet ben konsapevoli li kienet qed tikser id-digrieti tal-Qorti meta dahhlet lill-Calleja fid-dar. Hi ttentat tiddeskrivi lil Jonathan Calleja bhala habib tat-tfal taghha, sabiex b'hekk tkun koperta bid-digriet tal-21 ta' Lulju 2015. Difatti hi kkonfermat fix-xhieda taghha bil-gurament in kontro-ezami li Jonathan Calleja kien habib taghha, izda wkoll hbieb tat-

tfal taghha. Dan mhu xejn kredibbli u jikkonferma l-konsapevolezza taghha li ma setatx ddhalu fid-dar skont id-divjet tad-digrieti precedenti, u kwindi wkoll l-intenzjoni taghha li tikser dawk l-ordnijet. Jonathan Calleja ma seta' qatt jinkwadra bhala '*habib tat-tfal*' b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni u kien car li ma kienx membru tal-familja. Anzi mis-sentenza tal-Qorti tal-Familja esebita mill-attrici jirrizulta li Jonathan Calleja huwa imsemmi fil-kuntest tal-hbiberija illecita mizmuma minnha u f'ebda hin ma hemm xi suggeriment li kien semplicement habib tat-tfal.

Din il-Qorti hija tal-fehma li gie ppruvat li l-intimata ghandha tinstab hatja ta' disprezz lejn l-ordnijiet tal-Qorti datati 26 ta' Marzu 2010, u t-22 ta' Ottubru 2010 u konsegwentement tikkundannaha thallas multa ta' elf ewro (€1,000) *ai termini* tal-**artikolu 997 tal-Kap 12**.

**Separazzjoni Personali**

Illi jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-partijiet isseparaw personalment b'sentenza finali tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2017. Skont din is-sentenza gie ordnat li l-intimata tibqa' tirrisjedi fil-fond matrmonjali sa zmien sena minn mindu c-cwievet tal-fond battal deskritt fis-sentenza jigu konsenjati lilha u cioe` mill-24 ta' Mejju 2017 sal-24 ta' Mejju 2018. Illi ghalhekk il-kapitolu kollu gja ezistenti bejn il-konjugi Tonna rigward id-dar matrimonjali issa nghalaq.

**Penali**

Illi ghalkemm l-vertenza li tat lok ghall-kwistjoni bejn il-partijiet illum inghalqet, din il-Qorti ma tistax tinjora li l-intimata kisret l-ordnijiet tal-Qorti tal-Familja ghal darba darbtejn. Sahanistra xehdet bil-gurament li Jonathan Calleja kien habib ta' uliedha meta jirrizulta manifest li kien habib taghha, kif, *del resto*, gie kkonstatat mill-Qorti tal-Familja.

Ghalhekk ser tapplika piena fil-konfront tal-intimata fl-ammont ta' elf ewro (€1,000).

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata, tilqa' t-talbiet billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi li l-intimata kisret l-ordnijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datati s-26 ta' Marzu 2010 u t-22 ta' Ottubru 2010, rispettivament, meta dahhlet lill-Jonathan Calleja fid-dar residenza taghha, u kwindi ssib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita` tal-Qorti *ai termini* tal-**artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet u tikkundanna lill-intimata thallas multa ta' elf ewro (€1,000) fir-Registru ta' din il-Qorti

fi zmien xahrejn mil-lum u fin-nuqqas ta' tali hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ta' erbatax-il (14) jum.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata Sharon Tonna.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2018**